MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 165/2007

Il-Pulizija
(Sgt. Maggur Dr. J. Grima LL.D)
vs
Sigismondo Mifsud

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-18 ta' Novembru, 2006, ghall-habta tal-12.15 p.m., ghal dawn l-ahhar xhur ta' Settembru 2006, Ottubru 2006, Novembru 2006 sa 12 ta' Novembru 2006, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, naqas li jaghti l-manteniment dovut lil mara tieghu Salvina Mifsud ghaliha w ghal uliedu minuri, kif stipulat mill-Onor. Imhallef Dr. Joseph David Camilleri LL.D, mill-Qorti Civili Sekond'Awla Digriet nru. 5/98.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 t’April, 2007 li biha wara li rat l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet hekk kif migjuba kontrieh u ghaldaqstant ikkundannatu ghal terminu ta’ prigunerija ghal zmien xahrejn (2).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-24 t’April, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi thassaraha, tirrevokaha w tannullaha w b’hekk tillibera lill-appellant mill-akkuzi dedotti kontra tieghu u fin-nuqqas li tapplika piena anqas harxa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant kienu jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :

1. l-appellant qatt ma jista’ jinsab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu. Illi dan jinghad ghaliex id-digriet li ghalih tirreferi l-kwerelanti huwa dak li nghata fl-1998. Illi f’dak id-digriet hemm indikata somma flus komplessiva bhala menteniment ghal tlitt (3) ulied. Illi minn dak iz-zmien ‘l hawn tnejn (2) mill-ulied saru tal-eta’ w huma jahdmu, kif tal-volta taghmel ommhom. Illi allura isegwi li la darba ex lege l-ulied maggorenni ma’ humiex intitolati ghal manteniment, hija biss il-Qorti Civili-Sezzjoni tal-Familja li tista’ tvarja d-digriet biex jirrispekkja s-sitwazzjoni li llum jinsabu fiha l-konjugi. Illi dina l-Qorti, ossia Qorti ta’ kompetenza penali hija legalment prekluza milli taghmel ezami tal-matematika u tasal hi ghal xi konkluzjoni biex issib htija kontra l-aappellant fuq ammonti fittizji w li ma’ jezistu f’ebda digriet li jkopri z-zminijiet fl-akkuza. Illi dina l-Qorti ghalhek ma’ tistax fil-kunsiderazjonijiet taghha, biex issib htija, tintrometti fuq x’ghandu jkun jew ma’ jkunx l-ordni tal-hlas tal-manteniment kif donna li ghamlet l-Ewwel Qorti biex setghet ragonevolment waslet ghad-decizjoni li waslet ghaliha. Illi ghalhekk l-appellant kellu jigi lliberat minn l-akkuza dedotta kontra tieghu.

2. Illi minghajr pregudizzju u dwar il-piena, l-piena nflitta hija ghal kollox esegerata fic-cirkostanzi anke jekk tinkwadra fil-parametri.

Illi l-appellant ma jahdimx u m’ghandux mnejn ihallas lil martu. Illi per ezempju fid-29 ta’ Marzu, 2007 huwa rrinunzja ghal appell tieghu u beda jiskonta wkoll perjodu ta’ xahar habs minhabba nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment. Illi mill-habs zgur li l-appellant ma huwiex ser jirnexxielu ihallas manteniment. Illi inoltre l-mara tahdem diversi impiegi bhala fattiga, tiehu l-assistenza socjali, tiehu cekkijiet ta’ assistenza ta’ persuni ohra familjari taghha w certament li qed tippercepixxi dhul ta’ kwazi erba’ mitt lira fix-xahar. Illi f’dana x-xenarju fejn minn banda ghandek persuna li mhux qed idahhal sold, u minn naha l-ohra ghandek persuna li qed tghix komodament izda ghaliex trid il-”pound of flesh” trid li jew tkompli taghmel arrikkiment a skapitu ta’ zewgha jew titfghu l-habs, ghandhom il-Qrati taghna jservu ta’ strument biex jakkolja dak li tixtieq il-mara? Illi l-appellant dan jghidu ghaliex il-piena li tista’ tinfliggi l-Qorti f’kaz bhal dan hija wahda vasta izda certament li m’ghandhiex tmur ghal aghar sanzjoni fic-cirkostanzi w tinfliggi habs.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat illi waqt is-seduta tal-lum l-appellant hallas lill-martu accettanti fi flus kontanti s-somma ta' LM320 li jkopru l-ammonti kollha ta' arretrati ta' manteniment ghall-periodi mensili kollha imsemmija fl-akkuza.;

Rat il-verbal li bih l-appellant per mezz tad-difensur tieghu rtira l-aggravji tieghu kolha dwar is-sejbien ta' htija w zamm ferm biss l-aggravju dwar l-piena;

Ikkonsidrat;

Illi ghalkemm mhux normali li tigi disturbata l-piena li tkun giet erogata mill-Ewwel Qorti jekk din tkun entro l-parametri legali u ma jkun hemm ebda raguni li tindika li

din ma kellhiex tigi applikata, kif ghamlet f' diversi appelli precedenti, din il-Qorti tati l-opportunita' lill-appellant biex huwa jigi in regola w, fejn dan isehh, tikkonsidra temperament fil-piena. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Publius Said" 9.7.2003 u ohrajn). In vista tal-hlas fil-mori tal-appell tal-arretrati ta' manteniment dovuti, f' dan il-kaz tara li hemm lok ghal temperament fil-piena u dana skond il-gurisprudenza kostanti u regolari ta' din il-Qorti. F' dan is-sens biss it-tieni aggravju dwar il-piena qed jigi akkolt.

Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' parzjalment l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu w tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal terminu ta' prigunerija [RECTE : detenzjoni] ghal zmien xaharejn u minflok tikkundannah ghall-ammenda ta' hamsa w ghoxrin lira Maltin (LM25) b' dana li jekk ma jithallsux jigu konvertiti f' hamest ijiem detenzjoni skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------